MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Awwissu, 2012

Numru. 556/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs**
**CHARLES GAUCI**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **CHARLES GAUCI** ta’ tnejn u tletin (32) sena, bin Emmanuel u Lorenza nee’ Scerri, imwieled Attard fis-26 ta’ April 1980, residenti Blk C, Flat 2, Labor Road, Zabbar u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 208780(M) gie imressaq quddiemha akkuzat talli nhar l-14 ta’ Mejju 2012 u fix-xhur ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnu anki jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rezoluzzjoni wahda,

1. approprja ruħu, minn ħaġa ta’ ħaddieħor li ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra ammont ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) bi hsara ta’ Therese Desira u / jew persuna, persuni u / jew entitajiet ohra

2. u aktar talli nhar l-14 ta’ Mejju 2012 ghal-habta tal-1140hrs iddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq ħoloq it-traċċi ta’ reat b’mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar,

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-okkorenza mehuda nhar l-14 ta’ Mejju 2012 minn PS 192 Ramon Godano esebita fl-atti a fol. 8, il-fedina penali esebita a fol. 12 u l-istqarrija tal-imputat rilaxxjata nhar is-27 ta’ Mejju 2012 wara li inghata is-solita twissija u id-dritt li jqabbad avukat esebita fl-atti a fol 13.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata waqt l-ezami li sar skond l-Artikolu 370 (4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fis-27 ta’ Mejju 2012 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta’ jerga’ lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tas-27 ta’ Mejju 2012.

Illi ghalhekk, rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espresso w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu mill-prosekuzzjoni.

Inoltre semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputat kien ikkoopera bis-shih maghha tul l-investigazzjoni w sahansitra kien irrilaxxaja stqarrija fejn fiha ta dettalji dwar il-kaz in ezami u li l-Prosekuzzjoni solviet il-kaz taghha permezz ta' dak li stqarr l-istess imputat.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2012 li ir-res furtiva giet kollha ritornata lil sidha u ghalhekk danni materjali ma hemmx.

Semghet lid-difiza titlob ghat-talba ta' probation officer sabiex ihejji *pre- sentencing report* u dan fl-istess seduta tal-prezentata nhar is-27 ta' Mejju 2012 u l-Qorti ghaddiet biex tinnomina lil Probation Officer Odelsie Bayliss.

Semghet lil **Probation Officer Odelsie Bayliss** tixhed nhar it-3 ta' Lulju 2012 fejn ikkonfermat li kienet giet nominata minn din il-Qorti sabiex thejji *pre-sentencing report* dwar l-imputat. Seduta stante, hija esebiet r-relazzjoni taghha, liema relazzjoni giet immarkata bhala Dokument PSIR. Ikkonfermat li mill-informazzjoni migbura minnha, kif jidher minn dan ir-rapport, jirrizulta li l-imputat ghandu bizzejjed ghajnuna sabiex huwa jghix hajja stabbli u qalet li ma jidhirx li ghandu xi vizji partikulari u m'ghandux aktar dejn biex ihallas. Ghamlet referenza ghall-verbal tas- 27 ta' Mejju 2012 fejn gie dikjarat li r-res furtiva giet rritornata kollha u ghalhekk ma saru l-ebda danni materjali. Pero' qalet li d-danni emozzjonali li ghaddiet minnhom il-vittma ghadhom hemm. Tenniet li l-fedina penali ta' l-imputat mhix wahda nadifa ghal kollox u ghalhekk tixtieq li l-imputat jigi kkundannat li jaghmel xi servizz fuq fil-komunita' bbazzat fuq il-medium, li l-ghan taghha jkun li jaghti kumpens lis-socjeta ta' l-izball li huwa ghamel, filwaqt li jizviluppa certi hiliet li jistghu jservu ta' beneficcju fil-hajja tieghu.

Illi nhar id-9 ta’ Awwissu 2012 gie esebit il-process verbal u l-Qorti seduta stante kkonfermat l-Esperti hemm nominati u ghamlithom taghha tul din il-kumpilazzjoni.

Il-Qorti issostni li kull piena, anke meta jkun hemm ammissjoni, ghandha idejalment tinghata fid-dawl ta' l-antecedenti penali tal-hati; meta, imbaghad, wahda mill-akkuzi li jkunu qed jigu ammessi tkun proprju dik tar-recidiva, ikun hemm kwazi obbligu fuq il-Qorti li tifli sew il-fedina penali tal-hati qabel ma tiddisponi mill-kawza.

Ammissjoni bikrija "mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena", u jiddependi hafna mic-cirkostanzi tal-kaz u minn kemm kienet bikrija l-ammissjoni. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabbilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha.

Il-Qorti ghalhekk ezaminat bir-reqqa l-fedina penali tieghu u rat li huwa kien instab hati fis-sena 2003 fuq akkuza ta’ natura fiskali u cioe’ li naqas li jaghti ricevuta tal-VAT u gie kkundannat ihallas multa ta’ mitejn Lira Maltin (Lm200), talli fis-sena 2005 instab hati tar-reat ta’ serq ta’ gazzetti li l-valur taghhom ma kienx jeccedi il-hxax-il Lira Maltin (Lm11) u talli fis-sena 2012 kien ghamel uzu hazin minn network tat-telefonija u gie kkundannt ihallas multa ta’ hamsin Ewro (€50).

Il-Qorti ghalkhekk qieset li dak li qalet l-Probation officer ghandu jinghata widen u cioe’ li l-imputat ghandu jinghata opportunita’ ohra sabiex jirriabilita ruhu qabel ma jduq il-habz u dan anke fid-dawl li l-imputat ghamel tajjeb materjalment ghad-danni sofferti mill-vitma u li rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri.

**Ghalhekk il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe’ l-Artikoli 110(2), 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li issib lill-imputat CHARLES GAUCI hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu a tenur ta’ l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u tordna li l-imsemmi**

**CHARLES GAUCI jitqieghed taht ordni ta’ probation u servizz taht is-sorveljanza ta’ ufficjal tal-*probation* ghal tliet snin mil-lum u li jaqdi ordni ta’ servizz fil-komunita` ai termini ta’ l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta billi jaghmel xoghol bla hlas ghal mija u hamsin siegha f’dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-*Probation* bl-approvazzjoni ta’ din il-Qorti, u bil-kundizzjonjiet l-ohra indikati fl-istess ordni hawn annessa.**

Din l-ordni qed issir wara li din il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem li jiftiehem sew l-effett ta’ l-ordni u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruhhu ma’ l-ordni jew jaghmel xi reat iehor, huwa jkun jista’ jinghata sentenza ghar-reat originali ai terminu tal-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, qeghda tordna li minnufih tinghata kopja ta’ l-ordni lill-hati, lid-Direttur tal-Probation Services, lill-ufficcjal tas-servizz fil-komunità assenjat ghall-kaz mid-Direttur, u lill-agenziji u l-awtoritajiet responsabbli ghas-sorveljanza ta’ din l-ordni.

Il-Qorti tordna, li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------